

21994D1231(12)

L 372/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1994

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 41/94****tal-15 ta' Diċembru 1994**

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/94 tal-21 ta' Marzu 1994 li temenda l-Protokoll 47 u ċerti l-Annessi għall-Ftehim taż-ŻEE Ftehim (¹);

Billi r-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-iżvilupp ta' kooperazzjoni amministrattiva fl-implementazzjoni u infurzar tal-leġislazzjoni tal-Komunità fis-suq intern għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim (²),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt il-ġdid li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 11 (Rakkommendazzjoni tal-Kummissjoni 92/579/KEE) tal-Kapitolu XIX ta' l-Anness II għall-Ftehim:

"12. K/179/94/p. 1: Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-iżvilupp ta' kooperazzjoni amministrattiva fl-implementazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni tal-Komunità fis-suq intern (ĠU C 179, ta' l-1.7.1994, p. 1)." (ĠU C 179, ta' l-1.7.1994, p. 1.)

Artikolu 2

It-testi tar-Risoluzzjoni tal-Kunsill K/179/94/p.1 fil-lingwa Finlandiża, Islandiża, Norveġiża u Svediża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar 1995, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. HAFSTEIN

(¹) ĠU L 160, tat-28.6.1994, p. 1.

(²) ĠU C 179, tat-1.7.1994, p. 1.